

Brussell, 22 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10394/1/26
REV 1

ASILE 55
MIGR 158

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal protokoll bejn l-Unjoni u l-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jissupplimentaw il-ftehimiet u protokoll rispettivi tagħhom li jikkonċernaw il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata f'dawk il-pajjiżi, biex jinkludu regoli li jippermettu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Partijiet II u IV tar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fil-Kapitoli II u III tar-Regolament (UE) 2024/1359 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - Adozzjoni

1. Fit-30 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkomandazzjoni għad-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, akkumpanjata minn abbozz ta' direttivi ta' negozjati¹.
2. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjati ġew eżaminati fil-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI (Ażil) fil-21 ta' April 2026. Abbażi tal-kummenti mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet verżjonijiet riveduti tat-testi li mbagħad ġew ikkonfermati permezz ta' proċedura ta' silenzju informali li skadiet fit-22 ta' Mejju 2026.
3. Wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill jinsab fid-dokument 9662/26.

¹ 7697/26 RESTREINT UE/EU RESTRICTED + ADD 1 RESTREINT UE/EU RESTRICTED

4. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjati ser jintbagħtu lill-Parlament Ewropew.
 5. Fis-17 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva d-Deċiżjoni tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjati msemmija hawn fuq.
 6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill mistieden:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument 9662/26 kif riveduta mill-ġuristi lingwisti, u d-direttivi ta' negozjati li jinsabu fid-dokument 9662/26 ADD 1 RESTREINT UE/EU RESTRICTED + 9662/26 ADD 1 COR 1 RESTREINT UE/EU RESTRICTED; u
 - jitlob il-pubblikazzjoni tat-test tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-